Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 467/2010

**Kevin Camilleri [I.D. 545781M]**
**(appellat)**

**Vs**

**Josef Dimech eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem J.S. Dimech**
**(appellant)**

22 ta' Settembru, 2017.

1. Permezz ta' Avviż ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2010, l-attur talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' sebat elef tmien mija u ħamsa u tmenin ewro (€7,885) rappreżentanti xogħol ta' riparazzjonijiet u servizz fuq diversi vetturi proprjetà tal-konvenut liema xogħol sar u għadu ma tħallasx tiegħu minkejja li kien interpellat.

2. Permezz ta' risposta ppreżentata fit-18 ta' Jannar 2011 il-konvenut wieġeb li m'huwiex leġittimu kontradittur peress li huwa personalment qatt ma qabbad lill-attur u qatt ma kellu relazzjoni ġuridika miegħu. Żied li kienet is-soċjetà J's Dimech Com-Ind Limited illum JSDimech Limited(C34919) li nkarigat lill-attur u se mai JSDimech Limited għandha twieġeb għal din it-talba u huwa għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

3. B'sentenza tat-30 ta' Settembru 2013, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċiediet illi l-konvenut fil-kwalità personali tiegħu ma jistax jiġi kkundannat iħallas għas-servizzi resi lill-kumpannija tiegħu u konsegwentement laqat l-eċċezzjoni tal-konvenut u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju.

4. L-attur appella. B'sentenza tal-24 ta' Settembru 2014, din il-Qorti diversament presjeduta ddeċidiet billi rrevokat s-sentenza appellata u rrinvjat l-atti lill-ewwel Qorti biex hemm tkompli tiġi trattata u definita l-kawża fuq il-mertu tagħha u fl-ambitu tal-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati.

5. Illi fis-16 ta' Diċembru 2015 il-konvenut ippreżenta risposta ulterjuri kif awtorizzat fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru 2015, u permezz tagħha ikkontesta t-

talbiet tal-attur fil-mertu bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-talba attriċi hija eċċessiva u *in ogni caso* l-attur irid jipprova t-talba tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi. Wieġeb ukoll li m' għandux ibagħti spejjeż ta' dawn il-proċeduri.

6. Illi permezzta' sentenza datata 1 ta' Frar 2016, il-Qort tal-Maġistrati (Malta) iddeċiediet il-każ fil-mertu billi kkonkludiet li ma tara assolutament xejn ħażin fil-kont tal-attur u la darba l-konvenut ingħata s-servizz kollu relatat ma' tali kont, ma tara ebda raġuni għaliex ma għandux iħallas għas-servizzi lilu resi. Għaldanstant, filwaqt li l-eċċezzjoni tal-konvenut, ikkundannat lill-konvenut iħallas is-somma ta' sebat elef, tmien mija u ħamsa u tmenin Ewro (€7,885) għal servizzi varji li ta l-attur għall-benefiċċju tal-konvenut u mhux imħallsa, bl-ispejjeż kontrih mid-data tal-preżentata ta' l-avviż sad-data tal-ħlas effettiv.

7. Illi minn din is-sentenza appella l-konvenut. L-aggravji huma s-segwenti:
   a. L-attur ma rnexxilux jipprova t-talba tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi;
   b. l-biċċa l-kbira ta' dak kollu li qal l-appellat fix-xhieda tiegħu ġie kontradett;
   c. l-Ewwel Qorti trattat b' mod superfiċjali l-kwisjoni bejn il-partijiet u ma pprovdiet l-ebda raġunament validu li jsostni l-akkoljiment tat-talbiet attriċi u f' ċertu ċirkostanzi lanqas biss trattat l-eċċezzjoni tal-appellanti u l-provi mressqa dwarha;
   d. l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandu jbagħtihom kollha l-attur appellat;
   e. l-Ewwel Qorti ma llikwidatx l-ammont dovut u jekk dan l-ammont jiġi deċiż minn din il-Qorti l-imgħaxijiet għandhom *se mai* jiddekorroku mid-data dad-deċiżjoni finali li fiha l-ammont jiġi determinat.

8. Illi permezz ta' risposta datata 22 ta' Marzu 2016 l-attur wieġeb li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita li għandha tiġi konfermata in toto.

**<u>Konsiderazzjoni</u>.**

9. L-ewwel tliet aggravji tal-appellant huma sostanzjalment kritika tal-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti kemm il-darba tenniet li:

> '*Huwa paċifiku li* ***f' materja ta' dixxiplina tal-proċeduri, Qorti tat-tieni grad bħala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux verament għal motivi gravi****, dak li fil-fehma tal-Qorti*

*ċertament hawn m' huwiex il-każ. Dan għaliex mill-provvedimetni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-andament tal-kawża huwa sostanzjalment, anké jekk forsi mhux assolutament, imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Kif drabi oħra ingħad "din il-fakultà hija soġġetta għall-prinċipji ġenerali tar-raġuni prattika u l-grad ta' din il-fakultà imbgħad jiddependi mill-ġudikant, u tista' ukoll toxxilla skont il-personalità ġuridika li jipposjedi l-ġudikant" – **Perit Giudo Vella -vs- Dr. Emmanuel Cefai**, Appell Ċivili, 14.01.1993.* [1]

10. Madanakollu l-ġurisprudenza tipprovdi ukoll illi:

*'... bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b' dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "**Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Emily Stivala et -vs- George Pace**", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000* [2]

11. Dan ifisser illi:

*'... fejn, wara ri-kunsiderazzjoni tal-atti kollha proċesswali, jitnissel fiha l-konvinċiment illi l-provi prodotti **ma kinux u ma setgħux iwasslu għall-konkluzjoni raġġunta**, il-Qorti ta' reviżjoni kienet fid-dmir li tiddelibera s-sentenza u anké tqegħda in disparte* [3]

12. Din il-Qorti ttenni ukoll il-kunċett assodat sew fil-ġurisprudenza fis-sens li l-Ewwel Qorti tgawdi minn marġini wiesgħa ħafna fl-apprezzament tal-provi.

*'Ġja ġie osservat diversi drabi minn din il-Qorti illi l-valutazzjoni tal-provi hi fondata fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu, dejjem, pero', prudenzjali, tal-ġudikant adit mill-mertu. Dan neċessarjament u loġikament ifisser illi l-ġudikant għandu poter diskrezzjonali ampju li mir-riżultanzi probatorji huwa jqis dawk il-provi li, għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu, iqis l-aktar attendibbli u idoneji. Fl-eżerċizzju ta' dan il-proċess huwa fakoltizzat li jaċċetta x-xhieda ta' wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jqiegħed a fondament tad-deċiżjoni tiegħu fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' oħra. Kif inhu ben konsolidat f'ġurisprudenza konkordi dik il-valutazzjoni tal-ġudikant ta' l-ewwel grad hi nsindakabbli minn Qorti ta' reviżjoni jekk tirriżulta loġika u*

[1] ***Korporazzjoni Telemalta v Hili Diane***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 15.12.2003

[2] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 17.11.2004

[3] ***Chircop Stephen vs Caruana Mary Grace,*** Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 28.04.2004

*koerenti ma' l-elementi tal-provi utilizzati, u kif ulterjorment sostenuta minn motivazzjoni adegwata li tikkonsenti l-kontroll tal-kriterju logiku segwit.*[4]

13. Isegwi għalhekk li fl-eżerċizzju deliberattiv, l-Ewwel Qorti kellha l-fakoltà li taċċetta x-xhieda ta' wħud u twarrab jew jiskarta oħrajn u tqiegħed a fondament tad-deċiżjoni tagħha fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' oħra.

14. F'dan l-isfond il-Qorti sejra tikkunsidra jekk l-attur irnexxilux jipprova t-talba tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi u jekk tali prova setgħatx twassal għall-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti.

15. Mill-inkartament jirriżulta li l-attur ipproduċa s-segwenti provi:

- permezz tax-xhieda tiegħu tal-5 t' April 2011 u tas-7 t' Ottubru 2011 l-l-attur ikkonferma li l-konvenut jew ir-rappreżentant tiegħu kienu ingaġġawh sabiex jagħmel ix-xogħlijiet elenkati fil-kont eżebit bħala '**Dok KC2**' a fol. 15 et. seq. tal-proċess. Charlton John Borg, xhud tal-konvenut, qal ukoll li l-konvenut kien qallu biex *"nqabbad lil dan Kevin Camilleri fuq il-biċċiet tax-xogħol tal-vetturi tal-kumpannija, sabiex isewwi u jagħti 'service' lill-vetturi kollha tal-kumpannija"*.

- fil-kont hemm rendikont tax-xogħol imwettaq fuq varji vetturi bejn il-25 ta' Ġunju 2010 sa Awissu 2010, u għal kull każ elenka d-data tas-servizz mogħti minnu, l-vettura in kwistjoni, ix-xogħlijiet effetwati u elenku tal-*parts* li huwa xtara biex jagħmel it-tiswijiet meħtieġa u l-prezz ta' kull waħda minn dawn il-*parts*. Jidher li dan kien kont rivedut li l-attur ħareġ wara l-kont Dok. JDX1[5] li l-attur kien ta lill-konvenut u li dwaru ntalab jagħti iktar spjegazzjoni.

- hemm ukoll *invoices* (**Dok KC 4** sa **Dok KC16** a fol. 27 sa 40) tal-proċess kif spjegat minnu ulterjorment fil-kontro-eżami tat-18 ta' Novembru 2011 li jinsab bejn fol. 41 u fol. 42 tal-proċess;

- dwar il-kont numru 20 li a bażi tiegħu l-attur ippropona l-kawża:
  (i) 25.06.2010 - ***Kia car*** - €108, skont l-attur talli mar Hal Qormi u pprova jirranġa l-vettura li kienet wieqfa u mbagħad ħaduha Hal Far.

  (ii) 12.07.2010 - ***Iveco Truck*** - €695 li jirrappreżenta €228 *labour* u s-segwenti *parts:* €407 għal żewġ batteriji, €38 *high tension*

[4] ***Abdilla John Et Vs Water Services Corporation***, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 14.12.2006
[5] Fol. 89.

*wire* u €22 *battery terminals* kif korraborat mill-*invoice* a. fol 27 tal-proċess;

(iii) 14.07.2010 - ***Toyota Van*** - €458 li jirrappreżenta €142 *labour* u s-segwenti *parts*: €40 *engine oil*, €20 *oil filter*, €31 *fuel oil*, €40 *air filter,* €83 *gear oil*, €52 *v-belts,* €27 *cooling water*, €23 *power steering fluid*. Il-*parts* ikkwotati effettivament jammontaw għal somma inferjuri għall-*pro-forma invoice* korrispondenti a fol. 28 tal-proċess li ġġib id-data tal-14 ta' Lulju 2010;

(iv) 15.07.2010 - ***Toyota*** (JSD006)- €298;

(v) 16.07.2010 - €1079 rappreżentanti €446 *labour* u s-segwenti *parts*:

- ***Cherry Picker*** (*big*);

- ***Toyota*** (JSD006) - €40 *air filter*, €31 *fuel filter*, €20 *oil filter*, €45 *timing belt*, €50 v-belts, €71 *tensioners*, €53 *engine oil*, €83 *gear oil*, €27 *cooling water,* €33 *oil seals* , €96 *spring brushes.* Effettivament dawn l-ammonti jirrappreżentaw it-total esluż il-VAT fuq l-*pro-forma invoice* maħruġa minn Michael Debono Limited a fol. 29 tal-proċess li ġġib l-istess data.

- ***Toyota*** (Karl);

- ***Others –*** €84 grease. Ta' dan ma ġiet ippreżentata l-ebda rċevuta.

(vi) 17.07.2010 – ***Toyota Van*** (Karl) - €108

(vii) 19.07.2010 – ***Toyota*** (JSD006) - €885 li jikludi €313 *labour* u s-segwenti *parts*: €487 *radiator*, €27 *cooling water*, €58 *brake pads*. Dawn l-ammonti huma effettivament korraborati mis-somma gross eskluż VAT fil-*pro-forma invoice* a fol. 31 tal-proċess maħruġa minn Michael Debono Limited fid-19 ta' Lulju 2010.

(viii) 20.07.2010 - ***Toyota Van*** (Karl) – €980 li jirrappreżenta €147*labour* u s-segwenti parts: €498 *a/c compressor*, €20 *oil*

*filter,* €31 *fuel filter*, €40 *air filter*, €42 *engine oil*, €28 *power steering fluid*, €83 *gear oil*, €27 *cooling water*, €47 *v-belts*, €17 *grease*. Affarijiet li jidhru li huma l-oġġett tal-*pro-forma invoice* maħruġa minn Michael Debono Ltd fl-istess data li tinsab a fol. 32 tal-proċess. Fir-rigward tal-*a.c. compressor* dan jissemma fil-*cash sale* a fol. 27.

(ix) 21.07.2010 – ***Kia Mentor*** - €287 rappreżentanti €119 *labour* u €168 *parts.* Filwaqt li l-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokument a fol. 34 tal-proċess, jirriżulta li dan id-dokument huwa biss *estimate* datat 27.04.2011 u ma jammontax għal irċevuta li tissostanzja l-ispejjeż inkorsi.

(x) 21.07.2010 – ***Toyota Vitz*** (Charlton) - €109 rappreżentanti €80 *labour* u €29 *parts*. Effettivament, skont l-irċevuta a fol.33 tal-proċess, '*Ratchet for vitz'* swiet lill-attur €34 mhux €29.

(xi)22.07.2010 – ***Isuzu*** (old) - €128 rappreżentanti €101 *labour* u €27 *parts*. Effettivament dan jikkombaċa mal-irċevuta a fol. 35 tal-proċess li ġġib l-istess data.

(xii) 22.07.2010 – ***Mazda Van*** - €145 rappreżentanti €110 *labour* u €35 parts. Anke f'dan il-każ jidher li l-ispejjeż reklamati jikkombaċjaw mal-irċevuta a fol.36 tal-proċess maħruġa minn Sambro Service Station fl-istess data.

(xiii) 24.07.2010 – ***Isuzu Van*** - €409 rappreżentanti €116 *labour* u s-segwenti parts: €55 *brake pads*, €42 *engine oil*, €20 *oil filter*, €31 *fuel filter*, €40 *air filter*, €15 *grease*, €35 *v-belts*, €27 *cooling water*, €28 *power steering fluid*. Ħlief għall-*grease* jirriżulta li l-ispejjeż reklamati huma lkoll ikkonfermati bl-irċevuta maħruġa minn *Japanese Auto Parts* a fol.37 tal-proċess.

(xiv) 02.08.2010 – ***Toyota Van*** (JSD008) - €435 rappreżentanti €104 *labour* u s-segwenti *parts*: €42 *engine oil*, €40 *air filter*, €27 *cooling water*, €20 *oil filter,* €28 *power steering fluid,* €45 *v-belts*, €31 *fuel filter*, €83 *gear oil*, €15 *grease*. Ħlief għall-*grease* jirriżulta li l-ispejjeż reklamati huma lkoll ikkonfermati bil-*pro-forma invoice* maħruġa minn Michael Debono Ltd fit-2 ta' Awissu 2010 a fol. 38 tal-proċess salv li ttondja ċ-ċentenżmi u ma nkludiex il-VAT.

(xv) 02.08.2010 – ***Isuzu Van*** (JSD009) - €558 rappreżentanti €112 *labour* u s-segwenti parts: €42 *engine oil*, €20 *oil filter*, €126 *ball joints*, €31 *fuel filter,* €40 *air filter*, €35 *v-belts*, €28 *power steering fluid*, €80 *gear oil*, €27 *cooling water*, €17 *grease*. Ħlief għall-*grease* jirriżulta li l-ispejjeż reklamati huma lkoll ikkonfermati bl-irċevuta maħruġa minn *Japanese Auto Parts* fit-2 ta' Awissu 2010 a fol. 39 tal-proċess salv li naqqas iċ-ċentenżmi.

16. Jirriżulta li ħlief għas-somma ta' €168 għall-parts allegatament mixtrija fil-21 ta' Lulju 2010 sabiex jissewwa *Kia Mentor*, l-ispejjeż inkorsi mill-attur jirriżultaw kollha ssostanzjati mid-dokumenti li ppreżenta, bħal *pro forma invoice*.

17. Fejn l-attur appellat ippreżenta prova sodisfaċenti tal-ispejjeż inkorsi minnu, l-Ewwel Qorti kienet korretta li tistrieħ fuq l-istess.

18. Dwar l-*invoices pro forma* din il-Qorti tagħraf li dawn m' humiex invoice, peró l-konvenut stess jikkonferma li, ħlief għall-*air filter* u l-*coolant* u xi items oħra bħall-*power steering fluid*, dawn il-*parts* ġew effettivament mibdula fil-vetturi in kwistjoni. M'huwiex magħruf għalfejn ma nħarigx invoice jew *cash sale* iżda *pro-forma invoice*. Madankollu fuq l-istess dokumenti hemm stampat, *"This is a fiscal document issued in terms of the VAT Act"*. L-Ewwel Qorti kienet ġustifikata tistrieh fuqhom ukoll meta tqies li l-*pro forma invoices* għandhom l-istess data ta' meta l-attur għamel it-tiswijiet relattivi fil-vetturi varji tal-konvenut.

19. Hu evidenti li kull kont li kien joħroġ l-attur kien jitratta diversi xogħlijiet li jkun għamel fuq vetturi differenti. Jidher ukoll li qabel il-kont numru 20 kien hemm dsatax-il kont li wħud minnhom ġew eżebiti (ara per eżempju kont numru 17 a fol. 45; 18 a fol. 55 u 19 a fol. 19). M'hemmx prova li qatt kien hemm diżgwid bejn il-kontendenti dwar il-kontijiet preċedenti għal dak oġġett ta' din il-kawża, per eżempju li kien hemm *over charging* tal-*labour cost*. Minn dawn il-kontijiet wieħed jista' jieħu ideja tal-ħlasijiet li kien jitlob l-attur, u jidher li l-pagamenti dejjem saru. Meta tipparaguna dawk il-kontijiet ma' dak oġġett tal-kawza, il-qorti ma tistax tasal għal konklużjoni li fir-rigward tal-labour li jissemma fil-kont numru 20 kien hemm *overcharging*. L-indikazzjoni hi wkoll li fil-kontijiet ta' qabel ma kienx jintalab li jingħata rendikont tal-ispejjeż li jkun għamel l-attur. Dan jindika li l-konvenut kellu fiduċja assoluta fir-rigward tal-*modus operandi* tal-attur. L-attur xehed li sakemm bdew jaħdmu ċertu nies mal-konvenut, qatt ma kien ikun hemm kwistjonijiet. Fil-

fehma tal-qorti jekk il-konvenut ried li tinbidel is-sistema ta' kif il-kontendenti kienu joperaw ma' xulxin, kellu jgħarraf lill-attur qabel jagħmel ix-xogħol.

20. Dwar l-allegazzjonijiet mressqa mill-appellant fis-sens li ċertu parts setgħu inxtraw orħos, din il-Qorti tqis li ma ġie prodott l-ebda rappreżentant tal-kumpannija *Michael Debono Limited* sabiex jispjega l-allegati diskrepanzi bejn l-*estimates* a fol. 98 sa 117 li ppreżenta l-konvenut u l-*pro forma invoices* maħruġa mill-istess kumpannija datati madwar sena qabel li ġew ppreżentati mill-attur. Dan apparti li fid-dokumenti li ppreżenta l-konvenut jingħad espressament: *"prices are approx since there more than one type for some pa"* u saħansitra hemm skont ta' 10%. Hemm sahansitra certu affarijiet li l-prezz tagħhom hu iktar ogħli minn dak li jissemma fid-dokumenti li ppreżenta l-attur.

21. Dwar l-€168 b'riferenza għax-xogħol li sar fil-21 ta' Lulju 2010 sabiex jissewwa l-*Kia Mentor* għalkemm ma ġiet prodotta l-ebda prova dokumentarja sodisfaċenti li tissostanzja l-affarijiet li nxtraw, il-konvenut ma ċaħadx li sar xogħol fuq l-imsemmija vettura f' dik il-ġurnata. Jgħid iżda li '*ma tantx għandi xi ngħid ħlief li l-cooling water, kif ġia spjegajt, mhux veru inbidel kif qal Camilleri, iżda minflok tefa l-airconditioning water użat tal-kumpannija stess u l-air filter ukoll mhux veru inbidel iżda farfru u reġa użah'*.

22. Dwar l-allegazzjoni ripetuta fuq diversi *bill items* li l-attur kien biss ifarfar l-*air filter* u mhux ibiddlu u l-allegazzjoni li l-attur kien juża l-ilma tal-*a/c* tal-kumpannija tal-konvenut minflok *coolant,* ix-xhieda prodotta mill-konvenut kienet ġenerika. Inoltre hu inverosimili li l-konvenut kien joqgħod ma' gemb l-attur waqt li jkun qiegħed isir xogħol fuq il-vetturi, u dan meqjus ukoll li Dimech xehed li, '*mhuwiex minnu li jien kont noqgħod niftah il-vannijiet jew trakkijiet tal-kumpannija biex Kevin Camilleri kien jaħdem – dan kien xogħol Charlton jew xi impjegat ieħor li jkun fil-fabbrika fil-mument li jkun hemm Kevin Camilleri'.*

23. Dwar it-tiswijiet tal-14 ta' Lulju 2010, l-allegazzjoni li l-'*coolant kien xtrah Richard stess mhux Camilleri'* mhu xejn għajr *detto del detto* u l-imsemmi Richard ma xehedx. Lanqas ma jirriżulta kif Josef Dimech jaf li f'dik id-data ma nbidilix il-*power steering fluid* ladarba s-service sar għand klijent tal-kumpannija tal-konvenut. Il-konvenut ma spjegax kif jaf li fl-20 ta' Lulju 2010 u fit-2 ta' Awissu 2010 l-attur ma biddilx il-*power steering fluid* u l-*gear oil.*

24. Dwar il-*grease* din il-Qorti tifhem ukoll li dan ma jinxtarax f'ammonti żgħar u għalhekk isegwi li dan mhux ser ikun inkluż fl-*invoices* partikolari (f'dan ir-rigward ara stima a fol. 40 fejn jissemma *"tank grease EP80").*

25. Dwar l-ispiża għall-*labour* l-appellant jinsisti li l-kont hu eżaġerat. Huwa jibbaża din l-allegazzjoni fuq ix-xhieda ta' Charlton Borg li qal li kien jagħmel xogħol ta' *mechanic* u l-affidavit tiegħu stess fejn huwa jgħid li għandu esperjenza prattika ta' *service* u tiswija ta' vannijiet. Huma allegaw li l-agent tat-*Toyota* qalilhom kemm jimpjega ħin *normal service* u *general service* u qalilhom ukoll ir-rata fis-siegħa ta' Michael Debono Limited sabiex jiġu effetwati dawn it-tip ta' servizzi. Għalhekk huma ikkalkulaw kemm skonthom kellu jdum l-attur fuq kull biċċa xogħol u applikaw ir-rata fis-siegħa ta' Michael Debono Limited. Madankollu l-ebda rappreżentant ta' Michael Debono Limited ma tħarrek bħala xhud. Dan apparti li kif osservat l-ewwel qorti, l-attur kien imur personalment fil-post u *on site* jagħmel il-manutenzjoni u tiswijiet fuq il-vetturi tal-konvenut. Il-qorti żżid li mill-kont in kwistjoni jirriżulta li x-xogħol li għamel l-attur ma kienx dejjem ikun sempliċi *normal service* jew *general service*. Għalhekk il-paragun ma jistax ireġi. Din il-Qorti tqis ukoll li l-ħin li skont l-appellant u l-lavrant tiegħu hu neċessarju sabiex saru x-xogħlijiet hu biss dak li jaħsbu huma, u mhux għaliex jafu bħala stat ta' fatt kemm dam ħin l-appellat fuq kull biċċa xogħol.

26. Fiċ-ċirkostanzi il-konvenut m'għandux raġun jargumenta li l-attur ma ressaqx provi sal-grad rikjest mil-liġi in sostenn tat-talba tiegħu u li l-biċċa l-kbira li qal l-appellat fix-xhieda tiegħu ġiet kontraddetta mill-appellant.

27. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu l-appellant jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti trattat b' mod superfiċjali l-kwisjoni bejn il-partijiet u ma pprovdiet l-ebda raġunament validu li jsostni l-akkoljiment tat-talbiet attriċi kif allegat mill-attur.

28. Il-ġurisprudenza tipprovdi li:

> *' ... biex jista' jingħad li s-sentenza tiddifetta fil-motivazzjoni tagħha irid jintwera fl-assjem li teżisti defiċjenza objettiva tal-kriterju li wassal lill-ġudikant għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu ... ġudikant ma huwiex tenut li joqgħod jivvaluta singolarment ir-riżultanzi proċesswali kollha jew li jikkonfuta l-argomentazzjonijiet kollha tal-partijiet b' rikjam għal-liġi. Hu suffiċjenti li wara li javvaluta l-argomenti ta' naħa u ta' oħra fil-kumpless tagħhom, jindika dawk l-elementi li fuqhom hu jkun qed jibbaża l-konvinċiment tiegħu. Impliċitament, għandu jkun bil-wisq loġiku, illi r-riljevi jew ċirkustanzi oħra li ma sabux posthom fis-sentenza kienu qed jitqiesu mill-ġudikant bħala inkompatibbli mad-deċiżjoni adottata.'*[6]

---

[6] ***Joseph u Lorenza konjugi Mercieca vs Melvin u Josephine konjugi Depasquale,*** Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 24.05.2006

29. Isegwi li għalkemm is-sentenza appellata ma tidħolx f’kull item li dwaru l-attur jippretendi ħlas, l-ewwel qorti għamlet riferenza għal dak li rriżulta mill-provi u tat ir-raġunijiet għad-deċiżjoni li tat. Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti ma tarax li f’dan ir-rigward is-sentenza fiha nuqqasijiet.

30. Hi barra minn lokha l-allegazzjoni tal-appellant li peress li s-sentenza ingħatat għaxart ijiem wara t-trattazzjoni, dan wassal lill-Ewwel Qorti titratta l-każ b’mod superfiċjali.

31. Ir-raba’ aggravju hu ovvjament barra minn loku ġialadarba l-appell ser jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.